DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-9 ta' Ottubru 2007

li taħtar ħames membri u tliet membri supplenti Sloveni fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2007/662/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Sloven,

Billi:

(1) Fl-24 ta' Jannar 2006 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2006/116/KE li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2006 sal-25 ta' Jannar 2010 [1].

(2) Ħames postijiet ta' membri tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti bit-tmiem tal-mandati tas-Sur SOVIČ, is-Sur KOVAČIČ, is-Sinjura PEČAN, is-Sur ŠTEBE u s-Sur HALB. Żewġ postijiet ta' membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni saru vakanti bit-tmiem tal-mandat tas-Sur COLARIČ u bir-riżenja tas-Sur KOVŠE. Post ta' membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara l-ħatra tas-Sinjura MAJCEN bħala membru (bidla fil-mandat),

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ

Artikolu 1

Dawn li ġejjin huma b'dan maħturin bħala membri u membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2010:

(a) bħala membri:

Is-Sur Franci ROKAVEC, župan Občine Litija,

Is-Sur Franci VOVK, župan Občine Dolenjske Toplice,

Is-Sinjura Irena MAJCEN, županja Občine Slovenska Bystrica (bidla fil-mandat),

Is-Sur Aleš ČERIN, podžupan Mestne občine Ljubljana,

Is-Sinjura Jasmina VIDMAR, članica občinskega sveta Mestne občine Maribor

u

(b) bħala membri supplenti:

Is-Sur Antón ŠTIHEC, župan Mestne občine Murska Sobota,

Is-Sur Blaž MILAVEC, župan Občine Sodražica,

Is-Sur Jure MEGLIČ, podžupan Občine Tržič.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil Lussemburgu, 9 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F. TEIXEIRA DOS SANTOS

[1] ĠU L 56, 25.2.2006, p. 75.